



Dokument ta' sessjoni

19.5.2015

B8-0531/2015

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa skont l-Artikolu 133 tar-Regoli ta' Proċedura

dwar il-finanzjament tad-dejn pubbliku tal-Istati Membri

Sophie Montel, Dominique Bilde, Florian Philippot

Mozzjoni għal riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-finanzjament tad-dejn pubbliku tal-Istati Membri

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-istħarriġ tal-Parlament Ewropew dwar ir-rwol tal-attivitàajiet tat-troka tat-28 ta' Frar 2014,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 133 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - A. billi l-Artikolu 123 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jipprob bixxi kwalunkwe avvanz dirett tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) u tal-banek ċentrali nazzjonali lit-Teżori pubbliċi mill-1993;
 - B. billi, sa nofs is-snin tmenin, l-Istat Franċiż iż-żifra nofs id-defiċit tiegħu permezz ta' avvanzi mill-Banque de France;
 - C. billi, kieku Franzia ma kellhiex tħallas l-imgħax għal 35 sena, il-proporzjon tad-dejn pubbliku tagħha kien ikun madwar 30 % tal-PDG;
 - D. billi ikun tajjeb li l-Istati Membri jippromwovu mezzi alternattivi ta' finanzjament biex inaqqsu d-dipendenza tagħhom fuq is-swieq finanzjarji;
 - E. billi t-naqqis kwantitattiv tal-BĊE jiffavorixxi l-fqiegħ ta' bžieja spekulattivi u jżid l-inugwaljanzi;
1. Jitlob lill-Kummissjoni tistudja l-possibbiltà li jintużaw mezzi ta' finanzjament alternattivi, bħaż-żieda tal-proporzjonijiet ta' żamma ta' titoli ta' dejn pubbliku mill-istituzzjonijiet finanzjarji jew l-avvanzi diretti tal-banek ċentrali lit-Teżori;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kummissjoni.